# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 963

KAZ NRU. 1203

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Roderick Dimech

u

Captain A. Caruana

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 12 t'Awissu, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

1. **INTRODUZZJONI**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar, 1998 Ref. MHS/T1/3/98 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm erba' seduti.

Is-sur Roderick Dimech li minn issa jidher bhala l-"appellant" kien assistit min missieru Gaetano Dimech u ghas-Socjeta'

Captain A. Caruana li kienet rapprezentata mis-sur Gustav Caruana, Chairman assistit mill-avukat Carmelo Mifsud Bonnici LL.D.

## 2. XHIEDA

Tul is-smigh tal-kaz xehdu s-segwenti persuni :

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur Gustav Caruana | - | Chairman u Propjetarju |
| Is-sur Anthony Gambin | - | Foreman |
| Is-sur Antoine Cefai | - | Accountant |
| Is-sur Giovanni Barbaro Sant | - | Skrivan |
| Is-sur Richard Garcia | - | Sales Representative |
| Is-sur Roderick Dimech | - | L-appellant |

## 3. DOKUMENTI

Gew prezentati d-dokumenti ta' hawn taht :-

(i) Stqarrija tal-kaz ta' l-appellant;
(ii) Stqarrija tal-kaz ta' Captain A. Caruana Ltd;
(iii) Dikjarazzjoni ta' Bidu ta' Impjieg;
(iv) Certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg; u
(v) Dikjarazzjoni ta' Tmiem ta' Impjieg.

## 4. SOTTOMISSJONIJIET

L-appellant ikkontenda li ghalkemm veru ma kienx jaf jaqra u jikteb huwa dejjem qeda' dmirijietu. Issottometta li qatt ma gie avzat li jitkecca jew li gie mwissi minhabba f'hekk. Dwar il-licenzja tas-sewqan, qal li ma setax jottjeni din qabel ma kellu 18-il sena. Irretena li wara l-ewwel tlett xhur ta'

prova hu kien gie konfermat fl-impjieg. Is-Socjeta' ssottomettiet li nonostante it-tlett xhur ta' prova, s-Socjeta' kienet generuza u halliet lill-appellant fl-impjieg bit-tama li jitghallem jaqra u jikteb. Ikkontendiet li l-appellant gie avzat biex jirmedja diversi drabi, ghax ma kienx possibbli li jkompli jahdem jekk jibqa' inalfabeta, kundizzjoni esegwita ma' l-impjegati kollha tas-Socjeta'. F'dan il-kwadru, s-Socjeta' argumentat li ma setax jigi accettat li t-tlett xhur prova kellhom ikunu esegwiti b'certa rigidita' fil-kaz ta' l-appellant.

Din qalet is-Socjeta' kienet raguni tajba bizzejjed biex l-appellant ma jinzamx fl-impjieg. L-appellant talab lit-Tribunal jiddikjara li tkecca ngustament u jinghata kumpens. Is-Socjeta' kkontestat it-talba tal-appellant u qalet li ma kienx jimmeritah kumpens skond ix-xhieda ta' l-istess appellant.

5. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

Jidher li l-bidu ta' l-impjieg ta' l-appellant sar f'cirkostanzi partikolari, fis-sens li ma giex ingaggat tramite l-Foreman Gambin, skond ix-xhieda ta' l-istess Foreman kif kien isir, izda permezz ta' rikomandazzjoni familjari minn zewg bint ic-Chairman tas-Socjeta', is-sur Gustav Caruana. L-appellant Dimech safa ssensjat bl-istess procedura mis-sur Caruana, ghar-raguni li ma setax jaqdi d-doveri tieghu. Skond is-socjeta', l-appellant ma setax jaqdi d-dmirijiet tieghu ghax ma kienx jaf jaqra u jikteb, li skond l-istess Socjeta' kemm-il-darba gie mitlub u jew ezortat biex jissodisfa.

Barra minn dan, is-Socjeta' kienet ukoll esigiet li l-appellant ikun jaf isuq vettura. It-Tribunal huwa sodisfatt li meta dahal jahdem kien ghadu taht l-eta biex jottjeni l-licenzja ghas-sewqan tal-vetturi u ghalhekk zgur ma kienx possibbli li l-appellant jissodisfa din il-kundizzjoni.

Jidher li s-Socjeta' kienet kompletament konxja li l-appellant kien inalfabeta u ghalhekk ma seta' qatt jissodisfa l-bzonn li jkun jaf jikteb u jaqra.

It-Tribunal huwa tal-fehma li d-dhul ta' l-appellant mas-Socjeta' ma kienx marbut tassattivament ma' din il-kundizzjoni ghax bil-ligi s-Socjeta' kellha d-dritt li tikkonferma lill-appellant jew ma tikkonfermahx wara l-ewwel tlett (3) xhur tal-prova.

It-Tribunal sema' lis-Socjeta' tiddikjara li dan ma ghamlitux ghax riedet taghtih zmien bizzejjed biex l-appellant jissodisfa din il-kundizzjoni, li ma ghamilx. It-Tribunal sema' wkoll li l-appellant dejjem ghamel id-doveri tieghu u minkejja l-inabilita' tieghu li jaqra u jikteb qeda x-xoghol li kien mitlub jaghmel.

Fil-fehma tat-Tribunal meta s-Socjeta' halliet lill-appellant fl-impjieg wara l-ewwel tlett xhur, dan kien ifisser li awtomatikament l-appellant kien accettabbli ghas-Socjeta'. U dan jassumi aktar relevanza meta baqa' mizmum fl-impjieg ghal aktar minn sentejn.

It-Tribunal jifhem u ma jistax ikun kontra koncessjonijiet u generozita' fl-applikazzjoni tal-Ligi li tirregola l-impjiegi, izda ma jistax jifhem kif fil-kaz odjern, meta ma ngabu l-ebda provi li l-inabilita' tal-appellant li jaqra u jikteb ikkaguna telf ta' xoghol jew kellu effett hazin fuq l-operat tas-Socjeta' li kienu jirrendu r-ritenzjoni ta' l-appellant fl-impjieg impossibbli. Ghalkemm it-Tribunal sema' li l-appellant f'diversi drabi gie ezortat biex jitghallem jaqra u jikteb, ma jidhirlux li sema' li gie mwiddeb li jekk ma jaghmilx dan kien sejjer jispicca minghajr impjieg. It-Tribunal wisq jibza li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellant kienet ghal xi raguni ohra li ma waslitx ghall-konjizzjoni tat-Tribunal.

It-Tribunal irid jirrimarka li fl-isfond li s-Socjeta' tqis indispensabbli li l-impjegati taghha jkunu jafu jaqraw u jiktbu, tidher ferm stramba r-retenzjoni ta' l-appellant fl-impjieg ghall-aktar minn sentejn.

Jistaqsi t-Tribunal kienet jew ma kinitx indispensabbli li l-appellant ikun jaf jaqra u jikteb? Fil-fehma tat-Tribunal jekk li jaqra u jikteb kienet htiega ndispensabbli, s-Socjeta' irrinunzjat ghall-din il-htiega meta zammet lill-appellant fl-impjieg taghha wara t-tlett xhur tal-prova li l-Ligi tipprovdi.

**DECIZJONI**

Minn dak li sema' it-Tribunal jikkonkludi li ma saret l-ebda kundizzjoni tassattiva lill-appellant meta gie mpjegat li ma jinzammx fl-impjieg jekk ma jkunx jaf jaqra u jikteb kwindi l-konferma awtomatika ta' l-impjieg tieghu wara l-perjodu tat-tlett xhur prova stipulat bil-Ligi.

Ghalhekk wara li ra u kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll l-osservazzjonijiet taghhom ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, ikkunsidra l-Artiklu tac-CERA dwar il-perjodu tal-prova, ikkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal jiddikjara li ma hux sodisfatt li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet ghal-raguni tajba u sufficcjenti.

Jiddeciedi li l-appellant ghandu jithallas kumpens mis-Socjeta' Captain Caruana Ltd.

U li dan il-kumpens ghandu jkun ta' wiehed u disghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm91.26c)u jithallas fi zmien hmistax (15)-il gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

----------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg